I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tad-19 ta' Diċembru 2017**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tas-Central Bank of Cyprus**

**(BĊE/2017/43)**

(2018/C 2/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni kurrenti tas-Central Bank of Cyprus, KPMG Limited, ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2017. Huwa għalhekk huwa meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2018.

(3) Is-Central Bank of Cyprus għażel lil PricewaterhouseCoopers Limited bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2018 sa 2022,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi PricewaterhouseCoopers Limited għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tas-Central Bank of Cyprus għas-snin finanzjarji 2018 sa 2022.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Diċembru 2017.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI